IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.4.2020
COM(2020) 131 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati kkonferita lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/1004 dwar il-qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-*data* fis-settur tas-sajd

SFOND

Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u l-appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd jikkonferixxi lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati[1]. Skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta programm pluriennali għall-ġbir u l-ġestjoni ta' *data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (EU MAP). L-Artikolu 4(1) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-lista dettaljata ta' rekwiżiti tad-*data* biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-politika komuni tas-sajd[2] li jagħmel parti minn din l-EU MAP permezz ta' att delegat.

Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata għal perjodu ta' tliet snin mill-10 ta' Lulju 2017. Din is-setgħa hija estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tliet snin sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx. Skont l-Artikolu 24(2) il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa[3]. Dan ir-rapport jissodisfa dan l-obbligu.

1. L-EŻERĊIZZJU MILL-KUMMISSJONI TAS-SETGĦAT DELEGATI SKONT IR-REGOLAMENT (UE) 2017/1004

L-EU MAP 2007-2019[4] skadiet fil-31 ta' Diċembru 2019. Il-Kummissjoni użat is-setgħa delegata tagħha biex tadotta d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910[5] tat-13 ta' Marzu 2019 li tistabbilixxi l-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni ġġedded id-dispożizzjonijiet u r-regoli korrispondenti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1251 għall-2020–2021, mingħajr ma tbiddel is-sustanza tad-dispożizzjonijiet.

Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 ġiet adottata biex tistabbilixxi l-EU MAP għall-2020–2021. Għall-finijiet tal-EU MAP, din id-Deċiżjoni trid titqies flimkien mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/909[6], adottata fit-18 ta' Frar 2019 u applikabbli wkoll għall-2020–2021.

2. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati tagħha mal-iskadenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2016/1251/UE fl-2019. Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 tiżgura l-qafas, id-dispożizzjonijiet u r-regoli li jistabbilixxu programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni ta' *data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura għall-2020–2021, u b'hekk tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1004 għal dan il-perjodu. Il-Kummissjoni tħoss il-ħtieġa li testendi s-setgħa biex tadotta atti delegati konsegwenti li jistabbilixxu programmi pluriennali tal-Unjoni lil hinn mill-2021.

---

1 ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1-21, Artikolu 24.

2 ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22-61.

3 ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1-21, Artikolu 24.

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1251 tat-12 ta' Lulju 2016 li tadotta programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' *data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakoltura għall-perjodu 2017-2019 (ĠU L 207, 1.8.2016, p. 113-177).

5 ĠU L 145, 4.6.2019, p. 27-84.

6 ĠU L 145, 4.6.2019, p. 21-26.